# MALTA

## ATT Nru. XXXII ta' l-1986

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 12.**

## ACT No. XXXII of 1986

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT further to amend the Criminal Code, Cap. 12.**

Naghti l-kunsens tiegħi.

**(L.S.)**

AGATHA BARBARA
President

26 ta' Settembru, 1986

# ATT Nru. XXXII ta' l-1986

*ATT biex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 12.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1986 li jemenda l-Kodiċi Kriminali, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi Kriminali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-liġi prinċipali". Titolu fil-qosor.

**2.** Fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 236 tal-liġi prinċipali, minflok il-kliem "dik ix-xhieda jew perizja" għandhom jidħlu l-kliem "dik ix-xhieda jew perizja, jew fuq il-persuna ta' tifel taħt l-età ta' disa' snin". Emenda ta' l-artikolu 236 tal-liġi prinċipali.

**3.** L-artikolu 277 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 277 tal-liġi prinċipali.

(a) fit-tieni paragrafu għas-subartikolu (1) tiegħu —

(i) minnufih wara l-kliem "jew tal-meters ta' dawn is-servizzi", għandhom jidħlu l-kliem "jew ta' xi siġill ta' xi meter,"; u

(ii) minnufih wara l-kliem "ma' dawn il-kanni, fili jew gumni," għandhom jidħlu l-kliem "jew l-eżistenza ta' xi mezz qarrieq kif imsemmi fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu,"; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu —

(i) minnufih wara l-kliem "jew ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku," għandhom jidħlu l-kliem "jew tal-meters tagħhom, jew ta' xi siġill ta' xi meter, jew fil-każ ta' "; u

(ii) minflok il-kliem "fejn ikunu jinsabu dawn il-mezzi qarrieqa" għandhom jidħlu l-kliem "fejn ikunu jinsabu dawk il-ksur jew il-mezzi qarrieqa".

Emenda ta' l-artikolu 284 tal-liġi prinċipali.

**4.** Minnufih wara l-paragrafu (f) ta' l-artikolu 284 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(g) meta jsir fuq xi vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku, jew fuq xi parti jew aċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa li tkun ġo, dik il-vettura.".

Emenda ta' l-artikolu 352 tal-liġi prinċipali.

**5.** L-artikolu 352 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (h) tiegħu, minflok il-kliem "jissieħeb ma' lagħaba f'dik ix-xorta ta' logħob" għandhom jidħlu l-kliem "jissieħeb ma' lagħaba f'dik ix-xorta ta' logħob; jew ikun preżenti fil-waqt li jkun qed jintlagħab xi logħob bħal dak";

(b) minnufih wara l-paragrafu (ff) tiegħu, għandhom jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"(gg) ħlief kif permess bil-liġi, u kemm-il darba xi liġi oħra ma tipprovdix għal piena ogħla għar-reat, jagħmel jew jipprova jagħmel jew b'xi mod ikollu x'jaqsam ma' l-għemil ta' xi mħatra magħduda mħatra li għandha x'taqsam ma' xi logħba, *sport* jew ġrajja f'Malta jew x'imkien ieħor; jew li jkun preżenti f'xi post fejn ikun qed issir xi mħatra bħal dik;

(ggg) f'kull post idejjaq lil xi ħadd biex jirreklama, jew biex iġiegħel lil xi ħadd jakkwista, xi servizz, prodott, proprjetà jew drittijiet ikunu li jkunu fuq proprjetà;" u

(ċ) minflok il-paragrafu (xx) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(xx) meta hekk ordnat minn xi qorti jonqos li jagħti lil martu jew tonqos li tagħti lil żewġha, is-somma ffissata minn dik il-qorti bħala manteniment għaliha jew għalih u, jew, għall-ulied fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond dak l-ordni, ikollha titħallas dik is-somma;".

Emenda ta' l-artikolu 356 tal-liġi prinċipali.

**6.** L-artikolu 356 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "imsemmi fil-paragrafu (ħ) ta' l-artikolu 352" għandhom jidħlu l-kliem "imsemmi fil-paragrafu (ħ) ta' l-artikolu 352, u kull flus li jinsabu fuq xi persuna li tagħmel reat taħt l-imsemmi paragrafu"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (b) tiegħu għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) kull flus li jinsabu fuq xi persuna li tagħmel reat taħt il-paragrafu (gg) ta' l-artikolu 352.".

Emenda ta' l-artikolu 377 tal-liġi prinċipali.

**7.** Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 377 tal-liġi prinċipali minflok il-kelma "Sotto-spettur" għandhom jidħlu l-kliem "Sotto-spettur jew ittimbrati b'*facsimile* ta' dik il-firma.".

Emenda ta' l-artikolu 425 tal-liġi prinċipali.

**8.** Minnufih wara s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 425 tal-liġi prinċipali għandu jidħol is-subartikolu ġdid li ġej:

"(1A) Meta sentenza tingħata dwar diversi reati u appell għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fil-paragrafu (b) tas-subartikolu ta' qabel dan, jew taħt xi liġi oħra, ikun jista' jsir dwar xi wieħed minn dawk ir-reati, appell ikun jista' jsir dwar kull wieħed minn dawk ir-reati l-oħra li jkollhom x'jaqsmu ma' dak ir-reat.

Reati jkollhom x'jaqsmu ma' xulxin meta —

(i) il-fatti tar-reat ikunu sostanzjalment l-istess; jew

(ii) reat ikun serva bħal mezz għall-egħmil ta' reat ieħor; jew

(iii) il-prova ta' reat jew ta' ċirkostanza tagħha jkun jolqot prova ta' reat ieħor jew ta' ċirkostanza tiegħu.".

**9.** L-artikolu 542 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 542 tal-liġi prinċipali.

(a) fil-proviso li hemm għalih, minflok il-kelma "Iżda" għandhom jidħlu l-kliem "Iżda wkoll,"; u

(b) minnufih qabel il-proviso li hemm għalih għandu jidħol il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-Maġistrat jista', meta jidhirlu spedjenti, jagħti s-setgħa lill-periti li jirċievu dokumenti u jisimgħu x-xhieda bil-ġurament u li jieħdu x-xhieda tagħhom bil-miktub u d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 646 u tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 649 għandhom japplikaw *mutatis mutandis.*".

**10.** (1) Kull ċitazzjoni msemmija fl-artikolu 372 tal-liġi prinċipali li tkun inħarġet qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att u li tkun ittimbrata b'*facsimile* tal-firma ta' uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva mhux taħt il-grad ta' Sotto-spettur titqies li tkun ġiet iffirmata regolarment minn dak l-uffiċjal għall-finijiet ta' l-artikolu 377 tal-liġi prinċipali. Dispożizzjoni transitorja.

(2) L-ewwel proviso għall-artikolu 542 tal-liġi prinċipali, miżjud b'dan l-Att, għandu japplika għal kull aċċess li fih Maġistrat ikun, qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, ta s-setgħa lil perit li jirċievi dokumenti u li jisma' xhieda.

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 379 ta' l-24 ta' Settembru, 1986.

PAUL XUEREB
*Speaker*

C. MIFSUD
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*